MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1897/2004

**Dr. Daniela Chetcuti (I.D. 548175M) u**
**George Chetcuti (I.D. 87087M)**

**Vs**

**Maryanne Scicluna (I.D. 602477M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenuta thallas is-somma ta' tmien mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm855) rapprezentanti danni subiti mill-atturi b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fil-21 ta' Gunju, 2004 ghall-habta ta' 17.30 fi Triq Valletta, Mosta bejn il-vettura Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni MBS 206 misjuqa mill-konvenuta Maryanne Scicluna u l-vettura Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni GAT 268 misjuqa mill-attrici Dr Daniela Chetcuti.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi t-talba ta' l-atturi ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li kif ser jirrizulta waqt il-kawza, t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Sema' x-xhieda ta' Dr Daniela Chetcuti, Warden 99 Mario Galea, Natalino Agius, Mark Borg, Vincent Sammut u l-konvenuta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Daniela Chetcuti ghall-atturi u Dr Norma Vella ghall-konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kollizjoni sehhet fi Triq Valletta, l-Mosta proprju vicin l-entratura lejn it-Technopark u biswit bus bay li hemm fl-inhawi. Il-konvenuta kienet qieghda ssuq Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni MBS 206 u warajha kien hemm il-karozza bin-numru ta' registrazzjoni GAT 268 misjuqa mill-attrici Dr Daniela Chetcuti.

Jirrizulta wkoll illi hin minnhom il-konvenuta resqet aktar 'il gewwa ghalkemm hemm kontestazzjoni kemm 'il gewwa effettivament resqet. Dr Daniela Chetcuti ssostni illi l-konvenuta dahlet kompletament gewwa l-bus bay izda da parti taghha l-konvenuta ssostni illi hija resqet ftit 'il gewwa u mhux kompletament gewwa l-bus bay u tallega li ghamlet hekk minhabba li kien hemm vann kbir li beda jrossha 'l gewwa. Minhabba li kienet qieghda tintrass, hija giet imqieghda f'pozizzjoni li kienet ser tahbat gewwa sigra li hemm fit-tarf tal-bus bay u ghalhekk ghafset il-brake izda f'hin minnhom irceviet daqqa minn wara u giet imbuttata ghal fuq is-sigra.

Da parti taghha Dr Daniela Chetcuti ssostni illi effettivament il-konvenuta f'hin minnhom kienet parallel maghha ghalkemm 'il quddiem minnha u din habtet mas-sigra u wara li habtet mas-sigra l-karozza taghha daret

minn wara li b'hekk imblokkatilha parti mill-karreggjata taghha u b'hekk sehhet il-kollizjoni.

Minn ezami ta' l-iskizz jirrizulta illi l-brake marks maghmula mill-konvenuta juru li dawn bdew principalment fil-karreggjata ossija fl-inner lane ghalkemm tyre wiehed kien parti gewwa l-bus lane w inoltre, l-angolatura tal-brake marks hija wkoll aktar spjegata w evidenti mir-ritratti esebiti a fol 17 u 19 tal-process li jaghtu ndikazzjoni li l-konvenuta qabel kienet fil-lane taghha u ghar-raguni gibdet 'il gewwa lejn il-bus lane u sabet ruhha diehla gewwa s-sigra jew miexja fid-direzzjoni tas-sigra u b'hekk evidentement ghafset il-brake.  Il-konvenuta ssostni illi ma kellhiex fejn tmur ghaliex 'il barra minnha kien hemm l-imsemmi vettura qed trossha li baqghet sejra u baqghet ma gietx identifikata.

F'dawn ic-cirkostanzi, tenut kont li l-konvenuta anki halliet brake marks ta' 16.8 metri, t-Tribunal huwa sodisfatt illi f'dak il-mument l-attrici kienet miexja wara u mhux magenb il-vettura tal-konvenuta u ghalhekk bhala tali kienet obbligata illi zzomm *a proper lookout* u zzomm distanza xierqa w opportuna biex tkun tista' tiehu dawk il-mizuri kollha xierqa w opportuni sabiex tanticipa ghall-eventwalijiet li jistghu jinqalghu quddiemha fit-triq.

Effettivament it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-konvenuta giet imrassa bil-mod kif giet imrassa mill-imsemmija vettura skonoxxuta u dan kellu jkun evidenti ghall-attrici.  L-attrici ssostni illi bejnha u l-karozza tal-konvenuta kien hemm karozza li f'daqqa wahda kisret ghal-lane ta' barra u jista' jkun li forsi fil-mument li din il-karozza kisret 'il barra l-konvenuta ma ndunatx illi tali manuvra sehhet proprju ghaliex kien se jigri l-incident in kwistjoni.

Jirrizulta illi minhabba li l-konvenuta giet imrassa mill-vettura skonoxxuta hija giet pprezentata b'sitwazzjoni ta' periklu u minhabba din l-emergenza hija ghafset il-brake. Il-brake zamm u halla marki kontinwi sakemm il-vettura tal-konvenuta laqtet is-sigra fit-tarf tal-bus bay.  B'rizultat ta' din id-daqqa, l-karozza tal-konvenuta daret ftit minn wara u giet quddiem it-trajettorja tal-karozza misjuqa mill-

attrici. Ir-ritratt DC9 a fol 50 tal-process juri car illi l-brake marks tal-vettura tal-konvenuta u li dawn huma kontinwi u minghajr interruzzjoni sal-mument ta' l-impatt ta' din il-vettura mas-sigra li jindikaw li l-vettura tal-konvenuta waqfet mal-habta mas-sigra u mhux qabel.

B'danakollu l-attrici messha ndunat b'dak li qed jigri quddiemha u bhalma zammet il-brake l-konvenuta, messha zammet il-brake hi wkoll. Ma jirrizultax li f'xi hin l-attrici hadet xi *evasive action* biex tevita l-vettura tal-konvenuta anzi ssostni illi donnha l-konvenuta kellha xi tort meta allegatament il-karozza tal-konvenuta, wara li laqtet is-sigra, kisret ghal quddiem il-lane taghha.

It-Tribunal jidhirlu illi tali affermazzjoni m'hu ta' ebda komfort ghall-attrici.

It-Tribunal jidhirlu illi l-hsarat riskontrati fil-punt ta' l-impatt bejn iz-zewg vetturi – cjoe' l-parti ta' wara tal-vettura tal-konvenuta u l-parti ta' quddiem tal-karozza ta' l-attrici (jigi ccarat li t-Tribunal mhux qed jaghti decizjoni fuq il-hsara relattiva ghall-punt ta' l-impatt fuq il-parti ta' quddiem tal-vettura tal-konvenuta mas-sigra) huwa mputabbli ghall-attrici u konsegwentement it-talba attrici kif dedotta ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------